# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 59**

**Rikors numru 671/15/1 MH**

**Av. Michael Zammit Maempel bħala mandatarju speċjali tal-assenti minn Malta Stephanie u Dorothee konjuġi Michel, u wliedhom Guillaume Michel u Charlotte de Keviler imwielda Michel**

**v.**

**Antoine u Marlene konjuġi Attard, James Mifsud u Gordon Farrugia f'isimhom proprju u f'isem is-socjeta' Buz-Dov Developments Limited (C-25647)**

1. Dan hu appell magħmul mill-konvenuti Mifsud u Farrugia minn digriet tal-Ewwel Qorti tad-29 ta' Lulju 2022. Huma talbu li jissejħu fil-kawża l-Periti Mintoff, Farrugia u Lewis inkarigati mill-kostruzzjoni ta' fond fejn seħħ inċident fatali.

2. L-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li t-talba ma sservi għal xejn ħlief li ttawwal il-proċeduri billi l-iskop ta' talba simili hi biex issir ġustizzja kompleta u għall-ekonomija tal-ġudizzju. B'din id-deċizjoni huma jissottomettu wkoll illi l-Ewwel Qorti ħelset minn kull ħtija lill-imsemmija periti bla smigħ xieraq meta hu ċar li hemm *causa probabilis litigandi* fil-konfront tagħhom kif irriżulta mill-provi mressqa. B'żieda jgħidu li dan id-digriet ser jikkreja preġudizzju lill-konvenuti billi jekk hemm responsabilità x'tintrefa' l-piż ser jintrefa' fuq numru inqas ta' persuni. Jgħidu li l-Artikolu 961 jagħti d-dritt li tintalab is-sejħa fil-kawża f'kull waqt qabel is-sentenza u l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti rigward iż-żmien meta saret it-talba huma rrelevanti.

3. L-appellat L-Av. Michael Zammit Maempel *nomine* oppona għat-talba tal-appellanti billi sostna li t-talba tintlaqa' biss jekk dan ikun indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju.

4. L-appellati Attard għalkemm notifikati ma rrispondewx.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

5. Jibda biex jingħad li dan l-appell qed isir mid-digriet tad-29 ta' Lulju 2022. Kien ingħata digriet ieħor mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Ġunju 2020 li ċaħad is-sejħa fil-kawża tal-istess persuni wara talba identika mis-soċjetà Buz-Dov Developments Limited li tagħha l-appellanti odjerni kienu d-

diretturi. Din il-kumpanija llum hi *struck-off*. Għalhekk kull ilment fir-rigward ta' dak id-digriet hu rrelevanti f'din l-istanza ħlief fejn l-Ewwel Qorti rreferiet għal xi konsiderazzjoni li għamlet fid-digriet tal-2020 u applikatu għad-digriet li dwaru sar dan l-appell.

6. Din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok illi l-kawża hi tal-attur li jagħżel kontra min imexxi azzjoni. Il-konvenut jirrispondi biss għat-talbiet attriċi. Ir-riskju jekk l-attur ħarrikx leġittimu kontradittur jew le hu kollu tiegħu. Il-konvenut jiddefendi ruħu kontra t-talba u jekk mhux tenut bil-liġi jirrispondi għat-talbiet ghax tħarrek ħazin dik hi l-konsegwenza tal-għażla ħażina tal-attur. L-attur ma għandux jiġi mġiegħel iħarrek persuni oħra jekk hu tal-fehma li l-kawża ġiet istitwita kontra min legalment għandu jirrispondi għat-talba tiegħu kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Av. Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et** (22/06/2022):

> "Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi lil min irid iħarrek għad-danni li allegatament ikun sofra, u jekk irid iħarrek lill-persuna waħda minn aktar, il-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jinfetaħ biex jinkludi persuni oħra li skont hu kienu parti fl-aggressjoni. Il-konvenut jista', jekk irid, jipprova jitfa' r-responsabbilita` fuq terzi minnu ndikati, u l-Qorti tkun tenuta teżamina dik id-difiża u jekk issib li l-konvenut ikollu raġun, tista' tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, pero` l-konvenut ma jistax jipprova jgħaddi t-tort fuq terz meta l-attur ma jridx dan.
>
> Il-Qorti tqis li l-liġi tħalli għal kollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. "Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-reperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob" – **Xuereb v. Borg** et, deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019. F'din il-kawża, l-atturi jisħqu li huma biss il-konvenuti li personalment għandhom iwieġbu għat-talbiet tagħhom, u m'għandhomx jiġu mġiegħla jipproċedu kontra persuni oħra li huma ma ħarrkux."

7. F'dan il-każ l-attur *nomine* għamel l-għażla tiegħu lil min iħarrek u fil-fehma tiegħu l-ġudizzju hu integru fil-konfront tal-persuni li ħarrek. Fir-risposta ġuramentata tal-appellanti Mifsud u Farrugia li saret fl-2015 huma stqarrew in sinteżi li ma wettqux xogħol fis-sit fejn allegatament seħħ l-inċident traġiku mertu tal-kawża u li f'kull każ il-ħajt li wassal għall-inċident kien wieħed dekorattiv li dwaru ma ngħataw ebda struzzjonijiet bħala kuntratturi u għalhekk ma jerfgħu ebda responsabilità. Semmai r-responsabilità taqa' fuq il-vittma li għamel pressjoni fuq il-ħajt meta xxabbat miegħu.

8. Jidher għalhekk li f'dak l-istadju l-konvenuti appellanti la ammettew xi parti mir-responsabilità anzi sostnew li lanqas kienu involuti. Il-provi tal-konvenuti appellanti ngħalqu fil-11 ta' Marzu 2019 skont il-verbal tal-Qorti fejn ġie dikjarat biss mid-difensur tagħhom li fi żmien ħmistax kienu ser jippreżentaw xi dokumenti. Dan ifisser li l-konvenuti kienu jafu xi provi kien hemm fil-konfront tagħhom u għażlu li jiddikjaraw li b'dawk il-provi prodotti l-konvenuti ma kellhomx bżonn li jressqu xi provi oħra salv ovvjament dak li ntqal dwar id-dokumenti u kontroeżamijiet li ma ġewx inklużi bħala mitmuma fil-verbal fuq imsemmi.

9. Kif ingħad, l-attur għamel l-għażla tiegħu kontra min iressaq it-talbiet u l-konvenuti appellanti sostnew li għal dawk it-talbiet ma kellhomx jirrispondu huma u wara li ngħalqu l-provi attriċi, il-konvenuti dehrilhom ukoll li ma kellhomx aktar x'iżidu.

10. Għalkemm l-artikolu 961 tal-Kap. 12 jagħti l-fakolta li jissejħu persuni oħra f'kawża sa qabel ma tingħata s-sentenza, dan l-istatut mhux intiż biex tiġi abbużata l-proċedura jew terġa' tinfetaħ il-kawża fuq il-provi diġà miġbura u magħluqa, bla raġuni eċċezzjonali li xxejjen il-prinċipju ta' ġbir u għeluq tal-provi. Il-periti allegatament involuti fl-appalt ta' kostruzzjoni li ntalbu jissejjħu fil-kawża kienu magħrufa sew għal kulħadd mill-bidu nett. Fir-risposta ġuramentata tagħhom l-appellanti mkien ma eċċepew xi difiża ta' kontributorjeta ta' terzi u l-fatt li din it-talba saret tliet snin wara li ngħalqu l-provi tal-konvenut irendi t-talba mhux kompatibbli mal-iskop li għalih hemm l-istatut tal-imsejjaħ fil-kawża. Mhux hekk biss iżda kif diġà ngħad il-kawża hi tal-attur u hu jrid jipprova r-responsabilità ta' min ħarrek. Għalih il-ġudizzju kien integru kif inhu u mhux leċitu għall-konvenuti appellanti li jdaħħlu partijiet oħra fil-kawża li skont l-attur ma dehrlux li għandu jħarrek.

**Deċide**

Għalhekk il-Qorti tqis li l-appell tal-konvenuti appellanti mhux mistħoqq u qed jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontrihom. Tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għal prosegwiment tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr